KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 14.7.2004
KUMM(2004) 498 finali

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-KUMMISSJONI**

**Proposta għal tiġdid tal-**
**FTEHIM INTERISTITUZZJONALI**
**dwar id-dixxiplina ta' l-estimi u t-titjib fil-proċedura ta' l-estimi**

MT

MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

L-abbozz mehmuż tal-Ftehim Interistituzzjonali (IIA) dwar id-dixxiplina ta' l-estimi u t-titjib fil-proċedura ta' l-estimi huwa maħsub biex iservi bħala dokument ta' ħidma għan-negozjati bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni.

L-għan ta' dan il-Ftehim Interistituzzjonali huwa li jipprovdi sett ta' regoli miftiehma dwar it-tmexxija tal-qafas finanzjarju multiannwali u s-sekwenza ta' l-operati fejn għandha x'taqsam il-proċedura ta' l-estimi annwali.

## Linjigwida għal ftehim ġdid dwar id-dixxiplina ta' l-estimi

*Iż-żamma tal-prinċipji fundamentali*

L-Aġenda 2000 laħqet tajjeb l-għanijiet ewlenin tagħha dwar id-dixxiplina finanzjarja, l-evoluzzjoni ordnata tan-nefqa u l-kollaborazzjoni interistituzzjonali waqt il-proċedura ta' l-estimi. L-Estimi ta' l-Unjoni Ewropea ġew adottati f'waqthom kull sena, u ż-żewġt idriegħi ta' l-awtorità ta' l-estimi aġġustaw b'mod konġunt l-Aġenda 2000 biex ikunu ttrattati l-kriterji finanzjarji supplementari marbuta mat-tkabbir għal għaxar Stati Membri ġodda.

Għalhekk, il-ftehim Interistituzzjonali preżenti jipproponi li jżomm mhux mibdula l-karatteristiċi ewlenin tal-qafas finanzjarju:

- in-nefqa hija maqsuma skond kategoriji wesgħin ta' nefqa msejħa intestaturi, għal kull sena tal-perijodu 2007-2013;
- l-ogħla ammonti, li jissejħu limiti ffissati, ikunu stabbiliti fit-tabella tal-qafas finanzjarju għall-perijodu 2007-2013 (ara l-Anness I) f'termini ta' approprjazzjonijiet ta' rabtiet u għal kull intestatura;
- l-ammonti annwali ġenerali jkunu mfissra kemm għall-approprjazzjonijiet ta' rabta kif ukoll għall-approprjazzjonijiet tal-ħlas;
- il-livelli annwali għall-approprjazzjonijiet tal-ħlas għandhom jirrispettaw il-livell tar-riżorsi proprji li bħalissa huwa stabbilit għal 1,24 % tad-dħul gross nazzjonali (GNI) ta' l-UE.

*Simplifikazzjoni u konsolidazzjoni*

Il-Ftehim Interistituzzjonali preżenti jipprovdi mhux biss għat-tiġdid tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 fid-dawl ta' l-esperjenza li nkisbet diġà fl-implimentazzjoni tiegħu, iżda wkoll għall-konsolidazzjoni tad-dikjrazzjonijiet konġunti kollha u l-ftehim interistituzzjonali li ġew konklużi fuq materji li għandhom x'jaqsmu ma' l-estimi mill-1982 'il hawn.

B'mod speċjali, il-ftehim preżenti jaħseb li jħaddan fih il-Ftehim Interistituzzjonali tas-7 ta' Novembru 2002 fuq il-ħolqien tal-Fond tas-Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea (EUSF), li dwar dan kien hemm ftehim matul il-perijodu preżenti tal-perspettiva finanzjarja. Qed ikun propost li l-EUSF jiżviluppa fi strument Ewropew ta' Solidarjetà u Reazzjoni Rapida.

Fil-perspettiva ta' l-iżviluppi istituzzjonali tal-ġejjieni, il-Ftehim Interistituzzjonali preżenti qed jipproponi li jibdel it-terminu 'perspettiva finanzjarja' b''qafas finanzjarju multiannwali', imsejjaħ ukoll il-'qafas finanzjarju'.

*Flessibbiltà u trasparenza: nikkunsidraw l-esperjenza ta' l-Aġenda 2000*

Il-flessibbiltà fil-qafas finanzjarju multiannwali miftiehem hija l-korollarju essenzjali għad-dixxiplina finanzjarja. Jekk titfassal kif suppost, din għandha tgħin biex tissaħħaħ l-allokazzjoni effettiva tar-riżorsi, waqt li tkun tista' tippermetti li jkun hemm tweġiba għal ħtiġiet mhux mistennija jew għal prijoritajiet ġodda. Hemm diversi parametri li jinfluwenzaw il-grad ta' flessibbiltà tal-qafas finanzjarju: it-tul tal-perijodu kopert bil-perspettiva finanzjarja; in-numru ta' intestaturi ta' nefqa; il-marġini disponibbli f'kull livell ta' nefqa; il-marġini taħt il-livell tar-riżorsi proprji; is-sehem ta' l-infiq ta' l-UE li jkun determinat minn qabel bl-ammonti ta' referenza' f'liġijiet li jkunu ġew ko-deċiżi; il-programmi multiannwali allokati minn qabel; l-attitudni ġenerali lejn l-użu tal-proċedura tar-reviżjoni.

Il-grad ta' flessibbiltà żviluppa matul iż-żmien bit-taħlita ta' dawk il-parametri li qed jinbidlu. L-*Aġenda 2000* s'issa rnexxielha twieġeb għall-isfidi mhux mistennija fl-estimi ta' l-UE, għalkemm dan sar b'aktar kumplessità u b'inqas trasparenza, u għalkemm mhux neċessarjament tjiebet l-allokazzjoni effettiva tar-riżorsi. L-istrument eżistenti tal-flessibbiltà u l-Fond tas-Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea (EUSF) kellhom jinħolqu barra l-perspettiva finanzjarja biex iwieġbu għall-ħtiġiet magħrufa. L-użu preżenti ta' l-istrument tal-flessibbiltà juri telqa mill-għanijiet oriġinali tiegħu, bir-riskju li tiddgħajjef il-kredibbiltà tas-sistema u thedded il-kollaborazzjoni interistituzzjonali fuq materji marbuta ma' l-estimi. Il-Kummissjoni tqis li strumenti aktar trasparenti li jkunu integrati b'mod sħiħ fil-qafas finanzjarju jistgħu jsaħħu d-dixxiplina ta' l-estimi. Il-Kummissjoni qed tipproponi l-miżuri li ġejjin biex tindirizza l-isfidi tal-ġejjieni u ssib il-bilanċ proprju bejn id-dixxiplina ta' l-estimi u l-allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi.

(1) L-ewwel, il-proċedura ta' reviżjoni tal-limiti ffissati tan-nefqa għandha tingħata r-rwol oriġinali tagħha bħala l-istrument ewlieni li jippermetti l-aġġustamenti għall-qafas finanzjarju meta jseħħu bidliet sostanzjali u li jdumu fil-prijoritajiet politiċi. Biex il-*proċedura tar-reviżjoni* tingħata r-rwol oriġinali tagħha, il-Kummissjoni qed tipproponi li jkun hemm reviżjoni ġenerali tal-ħtiġiet, eż. fil-forma ta' laqgħa *bejn tlieta* tal-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni qabel ma ssir il-preżentazzjoni ta' kull abbozz preliminari ta' l-estimi.

(2) It-tieni, l-użu intensiv ta' l-istrument tal-flessibbiltà matul l-Aġenda 2000 juri li l-ħolqien tiegħu kien iġġustifikat. Madankollu, dan l-istrument m'għadux jilħaq l-għanijiet oriġinali tiegħu u, ħafna drabi, intuża bħala mezz indirett biex jgħolli l-livell għal azzjonijiet barranin. Dan it-tbegħid mill-għanijiet oriġinali huwa ta' riskju għax idgħajjef il-kreddibbiltà tas-sistema waqt li jhedded il-kollaborazzjoni interistituzzjonali f'materji li għandhom x'jaqsmu ma' l-estimi. Għalhekk, il-Kummissjoni qed tipproponi li jkun hemm *ri-allokazzjoni ta' flessibbiltà* ġdida, li allura tieħu post l-'istrument tal-flessibbiltà' preżenti. Dan iwassal biex l-awtorità ta' l-estimi, fuq proposta mill-Kummissjoni, tkun tista' talloka mill-ġdid l-approprjazzjonijiet bejn l-intestaturi tan-nefqa f'ċerti limiti u f'ċerti livelli ġenerali.

(3) It-tielet, qed ikun propost il-ħolqien ta' fond *ta' l-aġġustament tat-tkabbir* biex jaġġusta l-qafas finanzjarju għall-ambjent ekonomiku. Il-fond ta' l-aġġustament tat-tkabbir jista' jiġi mmobilizzat sa biljun Euro fl-intestatura tan-nefqa 'kompetittività għat-tkabbir u x-xogħol' (1a). Dan l-ammont jista' jiżdied b'approprjazzjonijiet mhux użati mill-istrumenti Strutturali, meta s-sitwazzjoni tkun tippermetti, billi tkun applikata r-regola N+2, sa massimu ta' biljun Euro kull sena.

(4) Ir-raba', il-klassifikazzjoni l-ġdida tan-nefqa li hija proposta se ssaħħaħ ukoll il-flessibbiltà u l-allokazzjoni effettiva tar-riżorsi billi tkun evitata delimitazzjoni żejda. L-istruttura tan-nefqa fl-Aġenda 2000 hija sa ċertu punt it-tħollija tat-twaqqif ta' l-ewwel perspettiva finanzjarja u ta' dawk li ġew warajha. Din hija mqassma fi 8 intestaturi ta' nefqa, li se jsiru 11 meta jitqiesu s-sotto-intestaturi. Id-delimitazzjoni tar-riżorsi f'numru kbir ta' intestaturi u sotto-intestaturi tagħmel lis-sistema waħda riġida u tista' tfixkel aġġustament xieraq u użu aktar effettiv tar-riżorsi biex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika ta' l-Unjoni, u b'hekk ixxekkel l-għan aħħari li jkun hemm mezzi ta' l-estimi għas-servizz ta' għan ta' politika.
Numru aktar limitat ta' intestaturi ta' l-estimi mhux biss jirrifletti l-għanijiet wiesgħa ta' politika, iżda jipprovdi wkoll l-ispazju meħtieġ biex ikunu manuvrati dawk l-iżviluppi li ma jkunux dejjem jistgħu jiġu previsti minn ħafna snin qabel. Għall-qafas finanzjarju 2007-2013, il-Kummissjoni qed tipproponi ħames intestaturi ta' nefqa ewlenin li jidhru fit-tabella tal-qafas finanzjarju (ara l-Anness I).

(5) Fl-aħħarnett, qed ikun propost li l-Istrument Ewropew ta'Solidarjetà u Reazzjoni Rapida jiddaħħal fil-qafas finanzjarju għad-dixxiplina ta' l-estimi u għal raġunijiet ta' trasparenza. Il-ħolqien tal-predeċessur tiegħu, il-Fond ta'Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea, 'il barra mill-qafas finanzjarju wera li, fin-nuqqas ta' flessibbiltà suffiċjenti fil-perspettiva finanzjarja, kienu jinstabu soluzzjonijiet 'il barra minnha fil-każ ta' bżonn. Il-Kummissjoni temmen li dan l-istrument se jibqa' meħtieġ, iżda qed tipproponi li tintegrah b'mod sħiħ fil-qafas finanzjarju multiannwali.

**Il-Konsegwenza għar-Regolament dwar id-dixxiplina ta' l-estimi**

L-esperjenza li nkisbet fil-perspettiva finanzjarja 2000-2006 wriet li m'hemmx aktar ħtieġa biex tinżamm il-linjagwida agrikola prevista fir-Regolament tal-Kunsill nru. 2040/2000 dwar id-dixxiplina ta' l-estimi. Dan għaliex in-nefqa ta' l-agrikoltura diġà hija marbuta bil-limiti ffissati li kienu ġew miftiehma sa l-2013. Id-dispożizzjonijiet l-oħra dwar id-dixxiplina ta' l-estimi għall-agrikoltura se jkunu msaħħa bir-Regolament il-ġdid li qed ikun propost (l-Artikoli 18-20) dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni. Bil-bidla minn intervent ta' suq lejn ħlasijiet diretti lill-bdiewa kif ukoll in-nefqa agrikola fuq miżuri marbuta ma' l-iżvilupp rurali wkoll saret ħaġa li tista' tkun aktar prevista.

Ir-riżerva monetarja m'għadhiex teżisti, u l-proposti mehmuża għat-tiġdid tal-ftehim interistituzzjonali m'għadhomx jeħtieġu dispożizzjonijiet *ad hoc* dwar ir-riżervi għal operati barranin u għall-għajnuna ta' emerġenza.

Taħt dawn il-kundizzjonijiet, il-Kummissjoni tqis li r-Regolament tal-Kunsill nru. 2040/2000 għandu jitħassar. Il-Kummissjoni, għalhekk, qed tipproponi att legali xieraq fil-ġejjieni qrib.

**Linjigwida dwar il-kollaborazzjoni interistituzzjonali għall-proċedura ta' l-estimi**

Id-dispożizzjonijiet inklużi fil-Parti II għandhom l-għan li jtejbu l-proċedura ta' l-estimi annwali. Ħafna minn dawn id-dispożizzjonijiet ġejjin mill-prattika ta' l-estimi jew minn ftehim jew dikjarazzjonijiet oħra ta' qabel. Dawn ġew aġġornati f'rabta mar-regolament finanzjarju l-ġdid[1]. L-Annessi I sa IV jiffurmaw parti integrali mill-ftehim preżenti li qed ikun propost.

---

1 ĠU L 248, is-16.9.2002, p. 1.

*L-Istruttura u l-klassifikazzjoni tan-nefqa*

L-Anness III jipprovdi aġġornament tal-klassifikazzjoni tan-nefqa bejn infiq obbligatorju u mhux obbligatorju għall-istruttura l-ġdida skond l-intestatura. Qed tinżamm dispożizzjoni biex iż-żewġ driegħi ta' l-awtorità ta' l-estimi tkun tista' tistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-punti ta' l-estimi l-ġodda fil-proċedura konċiljatorja ta' kull sena.

*Dispożizzjonijiet finanzjarji fi strumenti leġislattivi*

Il-prinċipju stabbilit fid-Dikjarazzjoni Konġunta tas-6 ta' Marzu 1995, u inkorporat fil-punt 33 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999, li bis-saħħa tiegħu l-istituzzjonijiet daħlu li jkunu konformi matul il-proċedura ta' l-estimi ma' l-ammonti ta' referenza adottati fil-proċedura tal-ko-deċiżjoni leġislattiva, qed jinżamm. Madankollu, mill-1995 'il quddiem il-proċedura tal-ko-deċiżjoni kienet twessgħet regolarment, u d-dispożizzjonijiet stretti dwar l-ammonti ta' referenza jimponu aktar sforzi għall-politika ta' l-estimi. Għalhekk, il-Kummissjoni qed tipproponi li l-awtorità ta' l-estimi u l-Kummissjoni, meta dawn ikunu qed ifasslu l-abbozz preliminari ta' l-estimi, jingħataw marġini ta' manuvra bil-possibbiltà li dawn ikunu jistgħu jmorru lil hinn minn dawn l-ammonti b'marġinu limitat (ta' 5 %).

**Konklużjoni**

Il-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina ta' l-estimi u t-titjib fil-proċedura ta' l-estimi wera li huwa għodda effiċjenti biex tkun tista' titfassal il-prattika ta' l-estimi annwali f'qafas finanzjarju multiannwali li dwaru jkun hemm qbil. It-tiġdid tiegħu għandu jitqies bħala opportunità biex ikunu aġġoranti u mħaffa d-diversi ftehim u dikjarazzjonijiet konġunti li jeżistu dwar materji li jolqtu l-estimi. Fl-aħħarnett, dan il-ftehim jaħseb biex itejjeb l-għodod tal-flessibbiltà u t-trasparenza biex jinstab il-bilanċ xieraq bejn id-dixxiplina ta' l-estimi u l-allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi.

**<u>Abbozz</u>**

**FTEHIM INTERISTITUZZJONALI TAL-PARLAMENT EWROPEW
IL-KUNSILL U L-KUMMISSJONI**

**ta' […]**

**bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina ta' l-estimi u t-titjib fil-proċeduri ta' l-estimi**

*NB: minħabba l-possibbiltà tad-dħul fis-seħħ tal-Kostituzzjoni matul il-perspettiva finanzjarja li ġejja, fl-abbozz li ġej id-definizzjoni ta' 'qafas finanzjarju multiannwali' qed jieħu post it-terminu 'perspettiva finanzjarja'.*

*Il-kummenti qed jirreferu għall-bidliet vis-à-vis it-test tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999.*

| ***Test tal-FII*** | ***Kummenti*** |
|---|---|
| 1. L-għan ta' dan il-Ftehim milħuq bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-'istituzzjonijiet', huwa li tkun implimentata d-dixxiplina ta' l-estimi u biex jitjiebu t-tħaddim tal-proċedura ta' l-estimi annwali u l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet fuq materji marbuta ma' l-estimi. | |
| 2. Id-dixxiplina ta' l-estimi taħt dan il-Ftehim tkopri n-nefqa kollha. Din torbot lill-istituzzjonijiet kollha li huma involuti fl-implimentazzjoni tagħha sakemm il-Ftehim jibqa' fis-seħħ. | |
| 3. Dan il-Ftehim ma jibdilx is-setgħat ta' l-estimi rispettivi tad-diversi istituzzjonijiet, kif stabbilit fit-Trattati. Fejn issir referenza għal dan il-punt fit-test preżenti, il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġornaza kkwalifikata waqt li l-Parlament b'maġġoranza tal-membri tiegħu u b'ħamsa tlieta tal-voti mitfugħa, skond ir-regoli tal-votazzjoni stabbiliti fil-ħames sotto-paragrafu ta' l-Artikolu 272(9) tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ it-'Trattat KE'). | |
| 4. Kwalunkwe emenda f'dan il-Ftehim teħtieġ il-kunsens ta' l-istituzzjonijiet kollha li huma parti minnu. Kull tibdil fil-qafas finanzjarju multiannwali għandu jsir skond il-proċeduri stabbiliti għal dan il-għan f'dan il-Ftehim. | |

| *Test tal-FII* | *Kummenti* |
|---|---|
| 5. Dan il-Ftehim jinqasam f'żewġ partijiet:<br>– Parti I fiha definizzjoni u dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni għall-qafas finanzjarju multiannwali[2] mill-2007 sa l-2013 u jgħoddu għall-perijodu kollu ta' dak il-qafas finanzjarju,<br>– Parti II tittratta dwar it-titjib fil-kollaborazzjoni interistituzzjonali matul il-proċedura ta' l-estimi. | Modifikazzjoni: il-perijodu tal-qafas finanzjarju multiannwali |
| 6. Kulmeta din tqisha meħtieġa u fil-każijiet kollha u fl-istess waqt bħal kwalunkwe proposta għal qafas finanzjarju ġdid li jiġi ppreżentat skond il-paragrafu 29, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport fuq l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim. Dan għandu jkun akkumpanjat fejn meħtieġ mill-emendi proposti. | |
| 7. Dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007. B'effett mill-istess data dan se jieħu postu:<br>– il-Ftehim Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina ta' l-estimi u t-titjib fil-proċedura ta' l-estimi[3],<br>– il-Ftehim Interistituzzjonali tas-7 ta' Novembru 2002 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-iffinanzjar tal-Fond tas-Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea li jissupplimenta l-Ftehim Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 dwar id-dixxiplina ta' l-estimi u t-titjib fil-proċedura ta' l-estimi[4]. | Modifikazzjonijiet:<br>Aġġornament u tħaffif. |

---

2 Il-qafas finanzjarju multiannwali jissemma wkoll fil-'qafas finanzjarju' tal-ftehim preżenti.

3 ĠU C 172, it-18.6.1999, p. 1. Dan il-Ftehim Interistituzzjonali diġà ħa post u ddikjara li m'għadhomx fl-użu l-istrumenti li ġejjin:
- id-Dikarazzjoni Konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni tat-30 ta' Ġunju 1982 fuq id-diversi miżuri biex titjieb il-proċedura ta' l-estimi, ĠU C 194, it-28.7.1982, p. 1.
- il-Ftehim Interistituzzjonali tad-29 ta' Ottubru 1993 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fuq id-dixxiplina ta' l-estimi u t-titjib fil-proċedura ta' l-estimi, ĠU C 331, is-7.12.1993, p. 1.
- id-Dikjarazzjoni mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni tas-6 ta' Marzu 1995 fuq l-inkorporazzjoni ta' dispożizzjonijiet finanzjarju f'atti leġislattivi, ĠU C 102, l-4.4.1996, p. 4.
- id-Dikjarazzjoni Konġunta tat-12 ta' Diċembru 1996 dwar it-titjib fit-tagħrif li jingħata lill-awtorità ta' l-estimi fuq il-ftehim tas-sajd, ĠU C 20, l-20.1.1997, p. 109.
- il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 1997 fuq dispożizzjonijiet li jolqtu l-iffinanzjar tal-politika barranija u tas-sigurtà komuni, ĠU C 286, it-22.9.1997, p. 80.
- il-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' Ottubru 1998 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fuq il-bażijiet legali u l-implimentazzjoni ta' l-estimi, ĠU C 344, it-12.11.1998, p. 1.

4 ĠU C 283, l-20.11.2002, p. 1.

| | |
|---|---|
| **PARTI I – IL-QAFAS FINANZJARJU MILL-2007 SA L-2013: DEFINIZZJONI U DISPOŻIZZJONIJIET TA' IMPLIMENTAZZJONI**<br><br>**A. Il-Kontenut u l-iskop tal-qafas finanzjarju**<br><br>8. Il-qafas finanzjarju ta' bejn l-2007 u l-2013, stabbilit fl-Anness I, jifforma parti integrali minn dan il-Ftehim. Dan isawwar il-qafas ta' referenza għad-dixxiplina ta' l-estimi interistituzzjonali. Il-kontenut tiegħu huwa konsistenti mal-konklużjonijiet tal-[…] Kunsill Ewropew […]. | |
| 9. Il-qafas finanzjarju huwa maħsub li jiżgura li, fit-terminu medju, in-nefqa ta' l-Unjoni Ewropea, maqsuma skond kategorija wiesgħa, tiżviluppa b'mod ordant u fil-limiti tar-riżorsi proprji. | |
| 10. Il-qafas finanzjarju ta' bejn l-2007 u l-2013 iwaqqaf, għal kull sena u għal kull intestatura jew sotto-intestatura, ammonti ta' nefqa f'termini ta' approprjazzjonijiet ta' rabtiet. B'mod ġenerali, it-totali annwali tan-nefqa huma murija wkoll f'termini kemm ta' approprjazzjonijiet ta' rabtiet kif ukoll ta' approprjazzjonijiet ta' ħlas.<br>Dawn l-ammonti kollha huma mfissra fi prezzijiet ta' l-2004.<br>Il-qafas finanzjarju ma jqisx il-punti ta' l-estimi ffinanzjati minn dħul assenjat fit-tifsira ta' l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju tal-25 ta' Ġunju 2002 li jgħodd għall-estimi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej[5], minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-'Regolament Finanzjarju'. | Modifikazzjonijiet:<br>- Aġġornament ġenerali<br>- § 4 imħassar (vojta): mhi qed tkun proposta l-ebda intestatura speċifika għan-nefqa ta' qabel is-sħubija.<br>- §5 imħassar: dan il-paragrafu m'għadux relevanti minħabba li l-Kummissjoni qed tipproponi li tinkludi l-Fond ta' l-Iżvilupp Ewropew fil-qafas finanzjarju.<br>- §6: It-tħassir tar-referenza għal-linjagwida agrikola (ara l-memorandum ta' spjegazzjoni hawn fuq).<br>- Għall-aġġustamenti li jikkonċernaw l-intestaturi speċifiċi, ara l-Punt 15 taħt. |

5 ĠU L 248, is-16.9.2002, p. 1.

| | |
|---|---|
| 11. L-istituzzjonijiet jagħrfu li kull wieħed mill-ammonti assoluti murija fil-qafas finanzjarju ta' bejn l-2007 u l-2013 jirrappreżenta livell annwali fuq in-nefqa taħt l-estimi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej. Bla preġudizzju għal kwalunkwe tibdil f'dawn il-limiti ffissati skond id-dispożizzjonijiet li hemm f'dan il-Ftehim, dawn qed jidħlu li jużaw is-setgħat rispettivi tagħhom b'tali mod li jkunu konformi mad-diversi limiti fissati ta' infiq annwali matul kull proċedura ta' l-estimi u meta jkunu qed jiġu implimentati l-estimi għas-sena kkonċernata. | §2 imħassar (vojt): m'hemm proposta l-ebda intestatura speċifika fil-qafas finanzjajrju ta' bejn l-2007 u l-2013 għall-infiq ta' qabel is-sħubija. |
| 12. Iż-żewġ driegħi ta' l-awtorità ta' l-estimi jaqblu li jaċċettaw, għall-perijodu tal-qafas finanzjarju mill-2007 sa l-2013, l-ogħla rati ta' żjieda għall-infiq mhux obbligatorju li jkun ġej mill-estimi stabbiliti fil-limiti li jkunu ġew iddeteriminati mill-qafas finanzjarju.<br>Biex ikun hemm tmexxija finanzjarja tajba, l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw kemm jista' jkun matul il-proċedura ta' l-estimi u waqt l-adozzjoni ta' l-estimi li jibqa' jkun hemm marġini biżżejjed taħt il-limiti ffissati għad-diversi intestaturi.<br>13. L-ebda att adottat mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill taħt il-proċedura tal-ko-deċiżjoni u l-ebda att li jkun ġie adottat mill-Kunsill li jħalli li jinqabżu l-approprjazzjonijiet disponibbli fl-estimi jew fl-allokazzjonijiet disponibbli fil-qafas finanzjarju skond il-paragrafu 11 ma jista' jiġi implimentat f'termini finanzjarji qabel ma l-estimi jkunu ġew emendati u, jekk meħtieġ, qabel ma l-qafas finanzjarju jkun ġie rivedut kif suppost skond il-proċedura relevanti għal kull wieħed minn dawn il-każijiet. | Modifikazzjonijiet:<br>- § 2: in-natura speċifika ta' l-Intestatura 2 fl-Aġenda 2000, li kopriet biss in-nefqa allokata minn qabel, m'għadhiex teżisti. L-approprjazzjonijiet għall-operati strutturali qed jiddaħħlu l-aktar taħt l-intestatura 1b, li tkopri wkoll n-nefqa mhux allokata minn qabel.<br>- § 3 imħassar: id-dispożizzjoni li tikkorrispondi ddaħħlet fil-Parti II, l-Artikolu 39. |
| 14. Għal kull sena koperta bil-qafas finanzjarju, l-approprjazzjonijiet sħaħ għall-ħlas meħtieġ, wara l-aġġustament annwali u wara li jkunu tqiesu kull aġġustament jew reviżjoni oħra, m'għandhomx ikunu tali li jipproduċu rata ta' sejħa 'l ġewwa għar-riżorsi proprji li tkun tiżboq il-limitu ffissat li hemm fis-seħħ għal dawn ir-riżorsi.<br>Jekk ikun hemm il-ħtieġa, iż-żewġ driegħi ta' l-awtorità ta' l-estimi għandhom jiddeċiedu, skond il-Punt 3 tal-Ftehim preżenti, li jbaxxu l-limiti ffissati stabbiliti fil-qafas finanzjarju biex tkun żgurata l-konformità mal-limitu ffissat fuq ir-riżorsi proprji. | |

| | |
|---|---|
| **B. Aġġustamenti annwali tal-qafas finanzjarju**<br><br>*Aġġustamenti tekniċi*<br><br>15. Kull sena l-Kummissjoni, li taġixxi 'l quddiem mill-proċedura ta' l-estimi għas-sena n+1, se tagħmel l-aġġustamenti tekniċi li ġejjin għall-qafas finanzjarju skond il-movimenti tad-dħul gross nazzjonali (GNI) u tal-prezzijiet:<br>(a) rivalutazzjoni, skond il-prezzijiet tas-sena n+1, tal-limiti ffissati u tal-figuri ġenerali għall-approprjazzjonijiet ta' rabta kif ukoll għal dawk ta' l-infiq;<br>(b) kalkulazzjoni tal-marġini disponibbli taħt il-limitu tar-riżorsi proprji.<br>Il-Kummissjoni se tagħmel dawn l-aġġustamenti tekniċi fuq il-bażi ta' l-aktar tagħrif ekonomiku reċenti u l-previżjonijiet disponibbli. Madankollu, l-aġġustament tekniku għall-Politika Agrikola Komuni (il-Fond Ewropew tal-Garanzija Agrikola u l-Fond Ewropew ta' l-Iżvilupp Agrikolu u Rurali), il-Fondi Strutturali ta' l-Intestatura 1b, il-Fond tal-Koeżjoni u l-Fond Ewropew għas-Sajd se jkun ibbażat fuq deflazzjoni ta' 2 % kull sena.<br>Ir-riżultati ta' dawn l-aġġustamenti u l-previżjoni ekonomiku li hemm imsejjes se jkunu kkomunikati liż-żewġ driegħi ta' l-awtorità ta' l-estimi.<br>Mhu se jsiru l-ebda aġġustamenti tekniċi oħra dwar is-sena kkonċernata, jew matul is-sena jew bħala korrezzjonijiet *ex-post* matul is-snin ta' wara. | Kummenti u modifikazzjonijiet:<br>- § 2: aġġornament tal-proċedura ta' l-aġġustament tekniku skond l-ismijiet il-ġodda tal-programmi agrikoli u strutturali.<br>- § 2: id-deflazzjoni ta' 2 % qed tinżamm.<br>- § 3 imħassar. Il-possibbiltà li tkun riveduta l-bażi ta' l-indiċi issa waqgħet. |
| *Aġġustamenti marbuta ma' l-implimentazzjoni*<br><br>16. Meta jiġu avżati ż-żewġ driegħi ta' l-awtorità ta' l-estimi dwar l-aġġustamenti tekniċi għall-qafas finanzjarju, il-Kummissjoni se tippreżenta kwalunkwe proposti għall-aġġustamenti għall-approprjazzjonijiet sħaħ ta' l-infiq li din tkun tqis bħala meħtieġa, fid-dawl ta' l-implimentazzjoni, biex tkun żgurata progressjoni ordnata fejn għandhom x'jaqsmu l-approprjazzjonijiet tar-rabta. | |

| | |
|---|---|
| *L-aġġornament tal-previżjoni għall-approprjazzjonijiet ta' l-infiq wara l-2013*<br><br>17. Fl-2010, il-Kummissjoni se taġġorna l-previżjonijiet għall-approprijazzjonjijiet tal-ħlas wara l-2013. Dan l-aġġornament se jqis l-implimentazzjoni reali ta' l-approprjazzjonijiet ta' l-estimi tar-rabta u l-approprjazzjonijiet tal-ħlas, kif ukoll il-previżjonijiet ta' l-implimentazzjoni. Din se tqis ukoll ir-regoli definiti biex ikun żgurat li l-approprjazzjonijiet tal-ħlas jiżviluppaw b'mod ordnat meta mqabbla ma' l-approprjazzjonijiet tar-rabta u l-previżjonijiet tat-tkabbir tad-Dħul Gross Nazzjonali (GNI) ta' l-Unjoni Ewropea. | Modifikazzjonijiet:<br>- Il-Punt 17 huwa mħassar. Id-dispożizzjoni relatata mhix meħtieġa jekk il-qafas Finanzjarju u l-atti bażiċi relevanti jiġu adottati fl-2005, kif previst. Qed tkun proposta minflok dikjarazzjoni (mehmuża fi tmiem dan id-dokument). |
| *L-aġġustamenti marbuta ma' dejn nazzjonali eċċessiv*<br><br>18. Fil-każ li proċedura għal dejn nazzjonali qawwi twassal għas-sospensjoni tar-rabtiet ta' l-estimi fejn għandu x'jaqsam il-Fond tal-Koeżjoni, il-Kunsill jista' jiddeċiedi, fl-istess waqt li din is-sospensjoni titneħħa, li r-rabtiet sospiżi jiġu trasferiti għas-snin ta' wara. Ir-rabtiet sospiżi tas-sena n ma jistgħux jerġgħu jidħlu fl-estimi ta' wara s-sena n+1. Il-Kunsill jiddeċiedi fuq proposta mill-Kummissjoni u skond id-dispożizzjonijiet relevanti tar-regolament bażiku. | Il-Punt 18 il-ġdid marbut mal-proposta għal regolament ġdid dwar il-Fond tal-Koeżjoni u mal-proċedura tad-dejn eċċessiv, l-aktar is-sanzjonijiet dwar l-approprjazzjonijiet ta' l-estimi ta' rabta tal-Fond tal-Koeżjoni. |
| 19. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill se jieħu deċiżjonijiet dwar dawn il-proposti qabel l-1 ta' Mejju tas-sena n, skond il-Punt 3 tal-Ftehim preżenti. | |
| **Ċ. Reviżjoni tal-qafas finanzjarju**<br><br>20. F'żjieda ma' l-aġġustamenti tekniċi regolari u dawk li hemm skond il-kundizzjonijiet ta' l-implimentazzjoni, il-qafas finanzjarju jista' jiġi rivedut skond il-limitu ffissat tar-riżorsi, fuq proposta mill-Kummissjoni, f'każ li jkun hemm ċirkustanzi mhux mistennija. | |
| 21. Bħala regola ġenerali, kwalunkwe proposta bħal din għar-reviżjoni għandha tiġi ppreżentata u adottata qabel il-bidu tal-proċedura ta' l-estimi għal dik is-sena jew għall-ewwel waħda mis-snin ikkonċernati.<br>Kwalunkwe deċiżjoni biex ikun rivedut il-qafas finanzjarju sa mhux aktar minn 0,03 % tal-GNI tal-Komunità fil-marġinu għal nefqa mhux prevista, għandha tittieħed b'mod konġunt miż-żewġ driegħi ta' l-awtorità ta' l-estimi li taġixxi skond il-Punt 3.<br>Kull reviżjoni fil-qafas finanzjarju 'l fuq minn 0,03 % tal-GNI tal-Komunità li jkun fil-marġinu għal infiq mhux previst għandha ssir b'mod konġunt miż-żewġ driegħi ta' l-awtorità ta' l-estimi, bil-Kunsill jaġixxi b'mod unanimu. | Aġġornament: il-prodott gross nazzjonali (GNP) ħa post id-dħul gross nazzjonali (GNI) mid-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni l-ġdida fuq is-sistema tar-riżorsi proprji (ĠU L 253/42 tas-7.10.2000). |

| | |
|---|---|
| 22. Bla preġudizzju għall-Punt 39, l-istituzzjonijiet se jistħarrġu l-iskop għall-allokazzjoni mill-ġdid tan-nefqa bejn il-programmi koperti mill-intestatura kkonċernata bir-reviżjoni, b'referenza speċjali għal kwalunkwe nuqqas ta' użu mistenni ta' l-approprjazzjonijiet. L-għan għandu jkun li ammont sostanzjali, f'termini assoluti u bħala persentaġġ tan-nefqa l-ġdida ppjanata, għandu jkun stabbilit fi ħdan il-limitu eżistenti għall-intestatura.<br>L-istituzzjonijiet se jeżaminaw l-iskop għall-ibbilanċjar taż-żjieda fil-limiti ffissati għal intestatura waħda billi jitnaqqas il-limitu ta' oħra.<br>Kwalunkwe reviżjoni ta' neqfa obbligatorja fil-qafas finanzjarju tista' ma twassalx għal tnaqqis fl-ammont disponibbli għan-nefqa mhux obbligatorja.<br>Kwalunkwe reviżjoni għandha żżomm relazzjoni xierqa bejn ir-rabtiet u l-ħlas. | Aġġornament:<br>§ 3 imħassar (vojt): l-ebda intestatura għan-nefqa ta' qabel is-sħubija mhi proposta għall-qafas finanzjarju 2007-2013. |
| **D. Il-Konsegwenzi tan-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta fuq l-aġġustament jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju**<br>23. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar kwalunkwe aġġustament jew reviżjoni fil-qafas finanzjarju proposti mill-Kummissjoni, l-ammonti stabbiliti qabel għandhom, wara l-aġġustament tekniku annwali, ikomplu jgħoddu bħala l-limiti ffissati tan-nefqa għas-sena in kwistjoni. | |
| **E. Ir-Riżerva ta' l-Għajnuna ta' Emerġenza**<br>24. Ir-riżerva ta' l-għajnuna ta' emerġenza qed tiddaħħal fl-Intestatura 4 tal-qafas finanzjarju, 'l-UE bħala msieħeb globali'. Din ir-riżerva qed tiddaħħal bħala dispożizzjoni fl-estimi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej. L-għan tar-riżerva ta' l-għajnuna ta' emerġenza huwa li jipprovdi tweġiba mill-ewwel għal kriterji ta' għajnuna speċifika lil pajjiżi li mhumiex membri wara li jkunu seħħew ġrajjiet mhux mistennija u meta l-estimi kienu diġà ġew stabbiliti; l-ewwel u qabel kollox din għandha tingħata għal ħidmiet umanitarji, iżda wkoll għat-tmexxija ta' kriżi ċivili u għall-protezzjoni, fejn iċ-ċirkustanzi jkunu jeħtieġu hekk. L-ammont annwali tagħha għandu jkun stabbilit għal 221 miljun Euro għall-perijodu kollu tal-qafas finanzjarju, fi prezzijiet kostanti.<br>Meta l-Kummissjoni tqis li din ir-riżerva teħtieġ li tintuża, din għandha tippreżenta liż-żewġ driegħi ta' l-awtorità ta' l-estimi proposta għat-trasferiment minn din ir-riżerva għal-linji ta' l-estimi li jikkorrispondu. | Modifikazzjonijiet u tħaffif:<br>- § 1(a): vojt. Ir-riżerva monetarja kienet prevista biss sa l-2002.<br>- § 1(b): it-tħassir tar-referenza għar-riżerva biex ikunu garantit self għall-pajjiżi li mhumiex membri. Il-Kummissjoni se tipproponi arranġament ġdid li bis-saħħa tiegħu l-approprjazzjonijiet meħtieġa biex issir dispożizzjoni xierqa għall-fond tal-garanzija jkunu jistgħu jiddaħħlu fl-estimi, mingħajr l-ebda dispożizzjoni *ad hoc* għas-sejħa relatata tar-riżorsi. |

[6] ĠU L 248, is-16.9.2002, p. 1.

| | |
|---|---|
| Qabel kull proposta mill-Kummissjoni għal trasferiment biex ir-riżerva tkun tista' tgħaddi għal għand ir-riżerva ta' l-għajnuna ta' emerġenza, madankollu, għandu jsir stħarriġ dwar l-iskop għall-allokazzjoni mill-ġdid ta' l-approprjazzjonijiet.<br>Fl-istess waqt li din tippreżenta l-proposti tagħha għat-trasferiment, il-Kummissjoni se tagħti bidu għal proċedura ta' trijalogu, jekk ikun meħtieġ f'għamla mħaffa, biex ikun żgurat il-ftehim taż-żewġ driegħi ta' l-awtorità ta' l-estimi fuq il-ħtieġa li tintuża r-riżerva kif ukoll fuq l-ammont meħtieġ. It-trasferimenti għandhom isiru skond l-Artikolu 26 tar-Regolament Finanzjarju[6]. | - §1: ir-riżerva ta' l-għajnuna ta' l-emerġenza tibqa' l-unika riżerva msemmija u din qed tiddaħħal taħt l-Intestatura 4. L-għan tagħha qed jitwessa' għat-tmexxija ta' kriżi ċivili u l-ammont tagħha qed ikun aġġustat skond il-prezzijiet tas-sena 2004 (il-figuri kollha tal-qafas finanzjarju propost huma mfissra fi prezzijiet kostanti (prezzijiet ta' l-2004).<br>- § 2-5: il-proċedura għal mobilizzazzjoni tar-riżerva qed tkun aġġornata biex tqis ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid.<br>Jekk ikun meħtieġ, ħtiġiet supplimentari għal din ir-riżerva jistgħu jkunu koperti jew bit-trasferimenti minn linji oħra ta' l-estimi ta' l-operat, jew billi jiġu emendati l-estimi biex ikun jista' jintuża l-marġinu disponibbli. |
| **F. L-Istrument tas-Solidarjetà u t-Tweġiba Rapida Ewropea**<br><br>25. Qed jiddaħħal Strument tas-Solidarjetà u t-Tweġiba Rapida Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'l-Istrument tas-Solidarjetà', fl-Intestatura 3, 'Ċittadinanza, Ħelsien, Sigurtà u Ġustizzja'. Dan huwa maħsub biex jippermetti għajnuna finanzjarja rapida fil-każ li jiġru diżastri kbar fit-territorju ta' Stat Membru jew ta' pajjiż kandidat, kif definit fl-att bżiku relevanti. Għandu jkun hemm limitu ffissat fuq l-ammont annwali disponibbli għall-Istrument tas-Solidarjetà; dan għandu jkun ta' biljun Euro. Fl-1 ta' Ottubru ta' kull sena, mill-inqas kwart mill-ammont annwali għandu jibqa' disponibbli biex ikun jista' jkopri ħtiġiet li jsiru sa tmiem dik is-sena.<br>Meta l-kundizzjonijiet biex ikun jista' jiġi mobilizzat l-Istrument tas-Solidarjetà, kif stabbilit fl-att bażiku relevanti, jintlaħqu, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposta biex dan ikun jista' jiġi mħaddem. Id-deċiżjoni biex jitħaddem l-Istrument tas-Solidarjetà għandha tittieħed b'mod konġunt miż-żewġ driegħi ta' l-awtorità ta' l-estimi skond il-Punt 3. | Il-Punt il-ġdid:<br>Il-Punt 25 huwa mibni fuq IIA ta' bħalissa tas-7 ta' Novemrbu 2002 fuq il-Fond tas-Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea (EUSF) u jħaddan fih il-proposta tal-Kummissjoni biex tiżviluppa il-EUSF fi Strument ta' Solidarjetà u Tweġiba Rapida. |

| | |
|---|---|
| Fl-istess waqt li din tippreżenta l-proposta tagħha għal deċiżjoni biex jitħaddem l-Istrument tas-Solidarjetà, il-Kummissjoni għandha tagħti bidu għal proċedura ta' trijalogu, jekk meħtieġ f'għamla mħaffa, biex ikun żgurat il-ftehim bejn iż-żewġt idriegħi ta' l-awtorità ta' l-estimi il-ħtieġa li jintuża l-Istrument tas-Solidarjetà u fuq l-ammont meħtieġ. | |
| **Ġ. Il-Flessibbiltà ta' l-Allokazzjoni mill-Ġdid**<br><br>26. Il-flessibbiltà ta' l-allokazzjoni b'limitu annwali ffissat ta' 200 miljun Euro hija maħsuba biex tippermetti l-iffinanzjar, għal sena finanzjarja partikolari u sa l-ammont indikat, ta' nefqa identifikata b'mod ċar li ma setgħetx tkun iffinanzjata fil-limiti tal-limiti ffissati disponibbli għal intestatura waħda jew aktar.<br>Din tippermetti li bejn l-intestaturi jkun hemm ri-allokazzjoni limitata, skond il-limiti annwali ġenerali u bla preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Punt 39.<br>Il-Kummissjoni se tagħmel proposta għall-flessibbiltà ta' l-allokazzjoni mill-ġdid biex tkun tista' tintuża wara li din tkun stħarrġet il-possibbiltajiet kollha biex l-approprjazzjonijiet ikunu allokati mill-ġdid taħt l-intestatura li tkun teħtieġ nefqa addizzjonali.<br>Il-proposta tista' tiġi ppreżentat, għal sena finanzjarja partikolari, matul il-proċedura ta' l-estimi. Il-proposta tal-Kummissjoni se tiddaħħal fl-abbozz preliminari ta' l-estimi jew inkella tkun akkumpanjata, skond ir-Regolament Finanzjarju, mill-istrument ta' l-estimi li jkun xieraq.<br>Id-deċiżjoni li titħaddem il-flessibbiltà ta' l-allokazzjoni mill-ġdid għandha tittieħed b'mod konġunt miż-żewġ driegħi ta' l-awtorità ta' l-estimi skond il-Punt 3. Għandu jintlaħaq ftehim permezz tal-proċedura konċiljatorja li hemm fil-Parti II, Taqsima A u l-Anness II għal dan il-Ftehim. | Modifikazzjoni:<br>Il-flessibbiltà l-ġdida tar-ri-allokazzjoni qed tieħu post l-istrument preżenti tal-flessibbiltà, kif propost fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-10.2.2004 *Nibnu l-Ġejjieni Komuni Tagħna [KUMM(2004) 101 finali]*.<br>Din tipperemetti li jkun hemm allokazzjoni mill-ġdid limitata bejn l-intestaturi li jkunu jirrispettaw il-limiti ġenerali. In-nefqa allokata minn qabel hija eskluża minn dan l-istrument. |
| **G. Il-Fond ta' l-Aġġustament tat-Tkabbir**<br><br>27. Is-sotto-intestatura 1a, *il-kompetittività għat-tkabbir u x-xogħol*, tinkludi approprjazzjonijiet għall-*fond ta' l-aġġustament tat-tkabbir*, bl-ogħla limitu annwali ta' biljun Euro. Dan l-ammont jista' jiżdied, meta s-sitwazzjoni tkun tippermetti dan, b'approprjazzjonijiet marbuta iżda mhux użati miż-żewġ strumenti ta' koeżjoni (il-Fond | Punt ġdid:<br>- Il-Fond ta' l-Aġġustament tat-Tkabbir għandu l-għan li jżid l-approprjazzjonijiet, meta l-kundizzjonijiet deskritti fir-regolament ikkonċernat jintlaħqu, ta' l-istrumenti u l- |

| | |
|---|---|
| ta' l-Iżvilupp Reġjonali Ewropew u l-Fond Soċjali Ewropew) billi tkun applikata r-regola 'N+2'[7], sa massimu ta' biljun Euro fis-sena.<br>L-għan tal-*fond ta' l-aġġustament tat-tkabbir* huwa li jżid is-sensibbiltà tan-nefqa għal ċirkustanzi mibdula biex itejjeb it-twassil ta' l-għanijiet tat-tkabbir u tal-koeżjoni. Dan billi jsiru l-aġġustamenti meħtieġa biex ikun hemm ilqugħ għal kull eventwalità mhux mistennija li jkollha impatt qawwi fuq it-tkabbir u x-xogħol. Dan jgħin ukoll lill-Unjoni biex twieġeb għal kwalunkwe kriżi li tkun ġejja minn żviluppi ekonomiċi u kummerċjali. Wara l-valutazzjoni annwali tal-progress li sar fit-twassil tal-programm li tfassal fil-Kunsill tar-Rebbiegħa, dan se jintuża wkoll biex jindirizza dak il-vojt li jeżisti fit-twassil ta' l-għanijiet tal-programm imfassal. Dan billi jiżdiedu, jekk ikun meħtieġ, il-programmi ta' nefqa fis-sotto-intestaturi tal-kompetittività jew il-koeżjoni, li jmexxu 'l quddiem l-investiment u l-appoġġ pubbliku fuq proġetti ewlenin.<br>Meta jkun hemm il-kundizzjonijiet biex l-approprjazzjonijiet tal-*fond ta' l-aġġustament tat-tkabbir* ikunu jistgħu jiġu mobilizzati, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposta biex din tkun tista' tħaddmu. Id-deċiżjoni biex il-*fond ta' l-aġġustament tat-tkabbir* ikun jista' jitħaddem għandha tittieħed b'mod konġunt miż-żewġ friegħi ta' l-awtorità ta' l-estimi skond il-Punt 3.<br>Fl-istess waqt li din tippreżenta l-proposti tagħha għal trasferiment jew għal deċiżjoni biex jitħaddem il-Fond, il-Kummissjoni għandha tagħti bidu għal proċedura ta' trijalogu, jekk ikun meħtieġ f'għamla mħaffa, biex ikun żgurat il-ftehim taż-żewġ friegħi ta' l-awtorità ta' l-estimi fuq il-ħtieġa li jintuża l-Fond u fuq l-ammont meħtieġ. | azzjonijiet eżistenti li hemm fl-Intestatura 1.<br>- Bħalissa dan huwa mdaħħal taħt l-Intestatura 1a u għandu jintuża biex jagħmel żidiet fil-programmi marbuta ma' l-istrateġija ta' Lisbona, li l-approprjazzjonijiet ta' dawn huma mdaħħla l-aktar taħt l-Intestatura 1a. |
| **Għ. L-Aġġustament tal-qafas finanzjarju biex jilqa' għat-tkabbir**<br><br>28. Fejn l-Unjoni tkun imkabbra biex tinkludi Stati Membri ġodda matul il-perijodu kopert mill-qafas finanzjarju, il-Parlament Ewropew ul-Kunsill, li jaġixxu fuq proposta mill-Kummissjoni u skond il-Punt 3, għandhom jaġġustaw b'mod konġunt il-qafas finanzjarju biex jitqiesu l-kriterji tan-nefqa li jkunu ġejjin mill-konklużjonijiet tan-negozjati tas-sħubija. | § 2 imħassar (vojt): m'hi prevista l-ebda tabella speċifika li tkun tinkludi kriterji finanzjarji supplimentari għal tkabbir li jseħħ matul il-qafas finanzjarju 2007-2013. |

[7] ĠU L 161/1 tas-26.6.1999, l-Artikolu 31(2).

| H. Iż-Żmien tal-qafas finanzjarju u l-konsegwenzi tan-nuqqas tal-qafas finanzjarju | Modifikazzjoni: |
|---|---|
| 29. Qabel l-1 ta' Lulju 2011, il-Kummissjoni se tippreżenta proposti għal qafas finanzjarju ġdid ta' terminu medju.<br>Jekk iż-żewġ driegħi ta' l-awtorità ta' l-estimi ma jaqblux fuq qafas finanzjarju ġdid, u sakemm il-qafas finanzjarju preżenti ma jintemmx espressament minn waħda mill-partijiet għal dan il-Ftehim, il-limiti ffissati għall-aħħar sena koperti bil-qafas finanzjarju preżenti għandhom jiġu ffissati skond il-paragrafu 15. Dan sabiex il-limiti ffissati tagħhom ta' l-2013 ikunu jistgħu jinżammu fi prezzijiet kostanti. F'każ li jkun hemm tkabbir fl-Unjoni Ewropea wara l-2013, u jekk jitqies bħala meħtieġ, il-qafas imwessa' għandu jiġi aġġustat biex jitqiesu r-riżultati tan-negozjati tas-sħubija. | Din id-dispożizzjoni għandha l-għan li tneħħi dawk l-ambigwitajiet preżenti kollha dwar il-koerenza bejn il-qafas finanzjarju u t-trattati tas-sħubija, ibbażati fuq l-esperjenza ta' l-aħħar tkabbir. F'każ li ma jintlaħaq l-ebda qafas finanzjarju, għandu jkun possibbli li jiġu aġġustati l-limiti mwessa' għat-tkabbir. |

| | |
|---|---|
| **PARTI II – IT-TITJIB TAL-KOLLABORAZZJONI INTERISTITUZZJONALI MATUL IL-PROĊEDURA TA' L-ESTIMI**<br><br>**A. Il-Proċedura tal-kollaborazzjoni interistituzzjonali**<br><br>30. L-istituzzjonijiet jaqblu li jistabbilixxu proċedura għall-kollborazzjoni interistituzzjonali f'materji li għandhom x'jaqsmu ma' l-estimi. Id-dettalji ta' din il-kollaborazzjoni huma stabbiliti fl-Anness II, li jifforma parti integrali minn dan il-Ftehim. | |
| **B. It-Twaqqif ta' l-Estimi**<br><br>31. Ta' kull sena l-Kummissjoni se tippreżenta abbozz preliminari ta' l-estimi li jkun juri l-kriterji ta' l-iffinanzjar attwali tal-Komunità.<br>Dan se jqis:<br>– previżjonijiet korretti dwar il-Fondi Strutturali pprovduti mill-Istati Membri,<br>– il-ħila li l-approprjazzjonijiet jintużaw, waqt li jsir sforz li tinżamm relazzjoni stretta bejn l-approprjazzjonijiet ta' rabta u dawk tal-ħlas,<br>– il-possibbiltajiet biex jingħata bidu għal politika ġdida permezz ta' proġetti pilota u/jew operat tat-tħejjija ġdid jew il-kontinwazzjoni ta' operat mifrux fuq bosta snin li wasal biex jintemm u, wara li jkun valutat jekk ikunx possibbli li jkun żgurat att bażiku, fit-tifsira ta' l-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju,<br>– il-ħtieġa li jkun żgurat li kull bidla fin-nefqa li għandha x'taqsam mas-sena ta' qabel tkun skond il-limiti tad-dixxiplina ta' l-estimi.<br>L-abbozz preliminari ta' l-estimi se jkun akkumpanjat minn Dikjarazzjonijiet ta' Ħidma bħalma huwa t-tagħrif meħtieġ taħt l-Artikoli 27(3) u 33(2)(d) tar-Regolament Finanzjarju (għanijiet, indikaturi u tagħrif ta' valutazzjoni). | Żidiet:<br>- §1: l-inċiż il-ġdid li jisħaq mill-ġdid l-importanza li jkun hemm previżjonijiet korretti fuq l-evoluzzjoni ta' l-approprijazjonijiet tal-ħlas għall-fondi strutturali. Dawn il-previżjonijiet huma pprovduti mill-Istati Membri.<br>- Il-paragrafu l-ġdid nru 2 biex iqis id-Dikjarazzjonijiet ta' Ħidma li jiġbru flimkien it-tagħrif previst fir-Regolament Finanzjarju. |
| 32. L-istituzzjonijiet, kemm jista' jkun, se jevitaw milli jdaħħlu fl-estimi punti mhux sinifikanti li jkunu jġorru ammonti ta' nefqa fuq l-operat.<br>Iż-żewġ driegħi ta' l-awtorità ta' l-estimi jidħlu wkoll li jqisu l-valutazzjoni tal-possibbiltajiet li l–Kummissjoni tkun tista' timplimenta l-estimi fl-abbozzi preliminari tagħha u f'rabta ma' l-implimentazzjoni ta' l-estimi kurrenti.<br>Qabel ma jsir il-qari tat-Tieni Kunsill, il-Kummissjoni għandha tibgħat ittra lill-President tal-Kumitat ta' l-Estimi tal-Parlament Ewropew, b'kopja lid-driegħ l-ieħor ta' l-awtorità ta' | Żidiet:<br>- § 2 il-ġdid għandu l-għan li jifformalizza prattika li hija diġà fis-seħħ.<br>- § 3 il-ġdid huwa marbut ma' dak ta' qabel u jisħaq fuq ir-rabta ta' bejn li jkun hemm tmexxija finanzjarja tajba u li tkun żgurata ċerta stabbiltà fin-nomenklatura ta' l-estimi. |

| | |
|---|---|
| l-estimi, li fiha jkun hemm il-kummenti tagħha fuq kif se jitwettqu l-emendi għall-abbozz ta' l-estimi adottati mill-Parlament Ewropew fl-ewwel qari. Iż-żewġ driegħi ta' l-awtorità ta' l-estimi se jqisu dawk il-kummenti fil-kuntest tal-proċedura konċiljatorja li hemm fl-Anness II.<br>Fl-interess ta' tmexxija finanzjarja tajba u minħabba l-effett ta' tibdil kbir fin-nomenklatura ta' l-estimi, fit-titoli u l-kapitoli li jittrattaw fuq ir-responsabbiltajiet ta' rappurtar fit-tmexxija tad-dipartimenti tal-Kummissjoni, iż-żewġ driegħi ta' l-awtorità ta' l-estimi jidħlu li jiddiskutu mal-Kummissjoni kwalunkwe tibdil kbir bħal dan matul il-proċedura konċiljatorja. | |
| **Ċ. Il-Klassifikazzjoni tan-nefqa**<br><br>33. L-istituzzjonijiet iqisu n-nefqa obbligatorja li tkun hekk minħabba li l-awtorità ta' l-estimi hija obbligata li tidħol fl-estimi minħabba obbligi legali li ġew stabbiliti taħt it-Trattati jew inkella taħt atti li ġew adottati minħabba t-Trattati msemmija. | |
| 34. L-abbozz preliminari ta' l-estimi huwa li jkun hemm proposta għall-klassifikazzjoni ta' kull punt ġdid li jkun hemm fl-estimi u kull punt li jkollu bażi legali emendata.<br>Jekk dawn ma jaċċettawx il-klassifikazzjoni proposta fl-abbozz preliminari ta' l-estimi, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill se jistħarrġu l-klassifikazzjoni tal-punt ta' l-estimi kkonċernat fuq il-bażi ta' l-Anness III, li jifforma parti integrali minn dan il-Ftehim. Il-Ftehim għandu jissokta matul il-proċedura konċiljatorja pprovduta fl-Anness II. | |
| **D. L-ogħla rata ta' żjieda għan-nefqa mhux obbligatorja fin-nuqqas ta' qafas finanzjarju**<br><br>35. Bla preġudizzju għall-ewwel paragrafu tal-punt 12, l-istituzzjonijiet jaqblu fuq id-dispożizzjonijiet li ġejjin:<br>(a) il-marġinu awtonomu tal-Parlament Ewropew għall-manuvra għall-għanijiet tar-raba' sotto-paragrafu ta' l-Artikolu 272(9) tat-Trattat tal-KE – li għandu jkun in-nofs ta' l-ogħla rata – għandu jgħodd mill-abbozz ta' l-estimi stabbilit mill-Kunsill fl-ewwel qari, inklużi kwalunkwe ittri ta' emenda.<br>L-ogħla rata għandha titħares f'rabta ma' l-estimi annwali, inkluż kull estimi supplimentari u/jew ta' emenda. Bla preġudizzju għat-twaqqif ta' rata ġdida, kull porzjon ta' l-ogħla rata li ma jkunx intuża għandu jibqa' disponibbli biex jintuża meta jkunu tqiesu l-abbozz preliminari u/jew l-estimi ta' emenda; | |

| | |
|---|---|
| (b) bla preġudizzju għall-punt (a), jekk matul il-proċedura ta' l-estimi jkun jidher li t-tkompija tal-proċedura tista' tkun teħtieġ ftehim biex tkun stabbilita rata ġdida ta' żjieda għan-nefqa mhux obbligatorja biex tkun tgħodd għall-approprjazzjonijiet tal-ħlas u/jew rata ġdida biex tkun tgħodd għall-approprjazzjonijiet ta' rabta (ir-rata ta' l-aħħar tista' tkun fuq livell differenti minn dik ta' l-ewwel), l-istituzzjonijiet għandhom jaħdmu biex jiżguraw li jkun hemm ftehim bejn iż-żewġ driegħi ta' l-awtorità ta' l-estimi permezz tal-proċedura konċiljatorja pprovduta fl-Anness II. | |
| **E. L-Inkorporazzjoni ta' dispożizzjonijiet finanzjarji f'atti leġislattivi**<br><br>36. Atti leġislattivi li jkunu jikkonċernaw programmi multiannwali adottati taħt il-proċedura ta' ko-deċiżjoni għandhom dispożizzjoni li fiha l-awtorità leġislattiva tistabbilixxi l-pakketti finanzjarji għall-programm.<br>Dak l-ammont isawwar ir-referenza primarja għall-awtorità ta' l-estimi matul il-proċedura annwali ta' l-estimi.<br>L-awtorità ta' l-estimi u l-Kummissjoni, meta dawn ifasslu l-abbozz preliminari ta' l-estimi, jidħlu li ma jmorrux lil hinn b'aktar minn 5 % minn dan l-ammont, sakemm ma jkunx hemm ċirkustanzi ġodda, oġġettivi, u ta' perijodu twil u li għal dawn ikunu jridu jingħataw raġunijiet espliċiti u preċiżi, waqt li jitqiesu wkoll ir-riżultati miksuba mill-implimentazzjoni tal-programm, l-aktar fuq il-bażi ta' valutazzjonijiet.<br>Dan il-punt ma jgħoddx għall-approprjazzjonijiet tal-koeżjoni adottati taħt il-proċedura tal-ko-deċiżjoni u li jkunu ġew allokati minn qabel mill-Istati Membri, liema approprjazzjonijiet ikollhom pakkett finanzjarju għall-perijodu kollu tal-programm. | Żjieda:<br>- Iż-żjieda fi § 3 hija essenzjali biex tintroduċi xi ftit flessibbiltà fl-estimi annwali meta mqabbla ma' l-ammonti ta' referenza ko-deċiżi. Din il-flessibbiltà madankollu għandha tkun limitata għal 5 % biex tippermetti l-aġġustamenti marġinali. |
| 37. L-istrumenti leġislattivi dwar il-programmi multiannwali li ma jkunux suġġetti għall-proċedura ta' ko-deċiżjoni m'għandux ikollhom 'ammont li jitqies meħtieġ'.<br>Jekk il-Kunsill ikun jixtieq jinkludi referenza finanzjarja, din għandha tittieħed bħal waħda li qed turi r-rieda ta' l-awtorità leġislattiva u m'għandhiex tolqot is-setgħat ta' l-awtorità ta' l-estimi kif definit fit-Trattat. Din id-dispożizzjoni se tissemma fl-istrumenti kollha li jinkludu referenza finanzjarja bħal din.<br>Jekk l-ammont ikkonċernat kien is-suġġett ta' ftehim skond il-proċedura konċiljatorja pprovduta fid-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ta' l-4 ta' Marzu 1975 (9), dan għandu jitqies bħala ammont ta' referenza fit-tifsira tal-paragrafu 36 ta' dan il-Ftehim | |

| | |
|---|---|
| 38. F'termini finanzjarji, id-dikjarazzjoni finanzjarja li hemm fl-Artikolu 28 of tar-Regolament Finanzjarju se tirrifletti l-għanijiet tal-programm propost u tinkludi skeda li tkopri l-perijodu tal-programm. L-approprjazzjonijiet se jiġu riveduti, fejn ikun meħtieġ, meta l-abbozz preliminari ta' l-estimi jkun tfassal, waqt li jitqies iż-żmien li matulu jrid ikun implimentat il-programm. | |
| 39. Fi ħdan l-ogħla rati ta' żjieda għan-nefqa mhux obbligatorja speċifikata fl-ewwel sotto-paragrafu tal-punt 12, iż-żewġ driegħi ta' l-awtorità ta' l-estimi jidħlu li jirrispettaw l-allokazzjonijiet ta' l-approprjazzjonijiet ta' rabta li hemm fir-regolamenti relevanti għall-operati strutturali, l-iżvilupp rurali u l-Fond Ewropew għas-Sajd. | Modifikazzjoni:<br><br>Trasferit mill-Punt 12 |
| **F. In-Nefqa b'rabta mal-ftehim tas-sajd**<br><br>40. L-istituzzjonijiet jaqblu li jiffinanzjaw in-nefqa fuq il-ftehim tas-sajd skond l-arranġamenti stabbiliti fl-Anness IV, li jifforma parti integrali minn dan il-Ftehim. | |
| **Ġ. L-Iffinanzjar tal-politika komuni brrnija u tas-sigurtà (CFSP)**<br><br>41. Għan-nefqa tal-CFSP mitluba għall-estimi ġenerali tal-Komunutajiet Ewropej skond l-Artikolu 28 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, l-istituzzjonijiet għandhom jaħdmu, fil-proċedura konċiljatorja pprovduta fl-Anness II u fuq il-bażi ta' l-abbozz preliminari ta' l-estimi stabbilit mill-Kummissjoni, biex jiżguraw li ta' kull sena ikun hemm ftehim fuq l-ammont tan-nefqa ta' l-operat li għandu jiġi mitlub lill-estimi tal-Komunità kif ukoll fuq il-firxa ta' dan l-ammont bejn l-artikoli tal-kapitolu ta' l-estimi tal-CFSP li huwa ssuġġerit fir-raba' sotto-paragrafu ta' dan il-paragrafu. Fin-nuqqas ta' ftehim, qed ikun mifhum li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill se jdaħħlu fl-estimi l-ammont li kien hemm fl-estimi ta' qabel jew l-ammont propost fl-abbozz preliminari ta' l-estimi, liema minn dawn ikun l-aktar baxx.<br>L-ammont sħiħ tan-nefqa ta' l-operat tal-CFSP se tiddaħħal kollha f'kapitolu wieħed ta' l-estimi (CFSP) u se jinfirex bejn l-artikoli ta' dan il-kapitolu kif suġġerit fir-raba' sotto-paragrafu ta' dan il-paragrafu. Dan l-ammont għandu jkopri l-ħtiġiet reali previsti u marġinu raġonevoli għal azzjonijiet mhux previsti. Mhu se jiddaħħlu l-ebda ammonti f'riżerva. Kull artikolu jkopri l-Azzjonijiet Konġunti u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill li jimplimentaw azzjonijiet konġunti li kienu diġà ġew adottati, miżuri li huma previsti iżda li għadhom ma ġewx adottati u kull azzjoni tal-ġejjieni – i.e. mhix prevista – li għandha tiġi adottata mill-Kunsill waqt is-sena finanzjarja kkonċernata. | Aġġornament. |

| | |
|---|---|
| Minħabba, taħt ir-Regolament Finanzjarju, li l-Kummissjoni għandha l-awtorità, fil-qafas ta' azzjoni tal-CFSP, li tittrasferixxi approprjazzjonijiet b'mod awtonomu bejn l-artikoli f'kapitlu wieħed ta' l-estimi, i.e. l-allokazzjoni tal-CFSP, il-flessibbiltà meqjusa bħala meħtieġa għall-implimentazzjoni mgħaġġla ta' azzjonijiet tal-CFSP għandha tkun żgurata. Fil-każ li l-ammont ta' l-estimi tal-CFSP matul is-sena finanzjarja ma jkunx biżżejjed biex ikunu koperti l-ispejjeż meħtieġa, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom ifittxu soluzzjoni kemm jista' jkun malajr, fuq proposta mill-Kummissjoni, waqt li jitqies ukoll il-Punt 24.<br>Fil-kapitolu ta' l-estimi tal-CFSP, l-artikoli li fihom l-azzjonijiet tal-CFSP għandhom jiddaħħlu jistgħu jinqraw fuq dawn il-linji li ġejjin:<br>– is-sorveljanza u l-verifikazzjoni ta' kunflitti u proċessi ta' paċi,<br>– in-non-proliferazzjoni u d-diżarm,<br>– missjonijiet tal-Pulizija,<br>– miżuri ta' emerġenza,<br>– miżuri ta' tħejjija u ta' ssuktar,<br>– ir-Rappreżentanti Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea,<br>– ir-riżoluzzjoni ta' kunflitti u miżuri oħra ta' stabilizzazzjoni.<br>Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li l-ammont għall-azzjonijiet li ddaħħal taħt l-artikolu msemmi fir-raba' inċiż ma jistax jaqbeż l-20 % ta' l-ammont ġenerali tal-kapitolu ta' l-estimi tal-CFSP. | |
| 42. Darba fis-sena, il-Presidenza tal-Kunsill għandha tikkonsulta lill-Parlament Ewropew biex ikun stabbilit dokument tal-Kunsill li jistabbilixxi l-aspetti ewlenin u l-għażliet bażiċi tal-CFSP, inklużi l-implikazzjonijiet finanzjarji għall-estimi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej. Barra minn hekk, skond il-ftehim milħuq fil-laqgħa konċiljatorja fl-24 ta' Novembru 2003, il-Presidenza tal-Kunsill u ż-żewġ Presidenzi li ġejjin se jżommu lill-Parlament mgħarraf billi jorganizzaw laqgħat ta' konsultazzjoni konġunti mill-inqas ħames darbiet fis-sena li dwarhom għandu jkun hemm ftehim sa mhux aktar tard mil-laqgħa konċiljatorja li għandha tinżamm qabel it-tieni qari tal-Kunsill. Il-Kummissjoni se tkun assoċjata u se tieħu sehem f'dawn il-laqgħat.<br>Kulmeta din tadotta deċiżjoni fil-qasam tal-CFSP li tkun tinkludi n-nefqa, il-Kunsill għandu jibgħat lill-Parlament Ewropew, minnufih u f'kull każ, stima ta' l-infiq previst ('dikjarazzjoni finanzjarja'), l-aktar dak li għandu x'jaqsam mal-limitu ta' żmien, il- | Il-modifikazzjoni f'§ 1 hija skond il-ftehim milħuq fil-laqgħa konċiljatorja fl-24 ta' Novembru 2003. |

| | |
|---|---|
| ħaddiema impjegati, l-użu tal-bini u infrastruttura oħra, faċilitajiet ta' trasport, kriterji ta' taħriġ u arranġamenti ta' sigurtà.<br>Kull tliet xhur il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-awtorità ta' l-estimi dwar l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet tal-CFSP u dwar il-previżjonijiet finanzjarji għall-perijodu li jkun għad fadal minn dik is-sena. | |

*ANNESS I*

# IL-QAFAS FINANZJARJU 2007-2013

Miljuni ta' Euro skond il-prezzijiet tas-sena

| Approprjazzjonijiet ta' rabta | **2006** (a) | **2007** | **2008** | **2009** | **2010** | **2011** | **2012** | **2013** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **1. Tkabbir sostenibbli** | **46.621** | **58.735** | **61.875** | **64.895** | **67.350** | **69.795** | **72.865** | **75.950** |
| **1a. Kompetittività ghat-tkabbir u x-xoghol** | 8.791 | 12.105 | 14.390 | 16.680 | 18.965 | 21.250 | 23.540 | 25.825 |
| **1b. Koeżjoni ghat-tkabbir u x-xoghol** | 37.830 | 46.630 | 47.485 | 48.215 | 48.385 | 48.545 | 49.325 | 50.125 |
| **2. Preservazzjoni u tmexxija tar-riżorsi naturali** | **56.015** | **57.180** | **57.900** | **58.115** | **57.980** | **57.850** | **57.825** | **57.805** |
| li minnhom : **Agrikoltura** -nefqa reletata mas-suq u hlasijiet diretti | 43.735 | 43.500 | 43.673 | 43.354 | 43.034 | 42.714 | 42.506 | 42.293 |
| **3. Cittadinanza, helsien, sigurtà u gustizzja** (b) | 2.342 | **2.570** | **2.935** | **3.235** | **3.530** | **3.835** | **4.145** | **4.455** |
| **4. L-UE bhala msieheb globali** (c) | **11.232** | **11.280** | **12.115** | **12.885** | **13.720** | **14.495** | **15.115** | **15.740** |
| **5.** Amministrazzjoni (d) | **3.436** | **3.675** | **3.815** | **3.950** | **4.090** | **4.225** | **4.365** | **4.500** |
| Kumpensi (e) | 1.041 | 120 | 60 | 60 | | | | |
| **Approprjazzjonijiet shah ta' rabta** | **120.688** | **133.560** | **138.700** | **143.140** | **146.670** | **150.200** | **154.315** | **158.450** |

| Approprjazzjonijiet shah tal-hlas (c) | **114.740** | **124.600** | **136.500** | **127.700** | **126.000** | **132.400** | **138.400** | **143.100** | **Medja** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Approprjazzjonijiet tal-hlas bhala persentagg tal-GNI | 1,09% | 1,15% | 1,23% | 1,12% | 1,08% | 1,11% | 1,14% | 1,15% | 1,14% |
| Margini disponibbli | 0,15% | 0,09% | 0,01% | 0,12% | 0,16% | 0,13% | 0,10% | 0,09% | 0,10% |
| Il-limitu tar-riżorsi proprji bhala persentagg tal-GNI | 1,24% | 1,24% | 1,24% | 1,24% | 1,24% | 1,24% | 1,24% | 1,24% | 1,24% |

(a) In-nefqa ta' l-2006 taht il-perspettiva finanzjarja preżenti nqasmet skond in-nomenklatura l-gdida li hija proposta ghar-referenza u biex jithaffu l-paraguni. In-nefqa fl-intestaturi 3 u 4 jinkludu ammonti li jikkorrispondu ghall-Istrument tas-Solidarjetà (961 Euro skond il-prezzijiet ta' l-2004) u ghall-EDF (ikkalkulata ghal € 3 biljun) rispettivament.

(b) Din tinkludi n-nefqa ghall-Istrument tas-Solidarjetà (biljun Euro fl-2004 skond il-prezzijiet kurrenti) mill-2006 'il quddiem. Madankollu l-pagamenti li jikkorrispondu huma kkalkulati biss mill-2007 'il quddiem.

(c) Huwa mahsub li l-integrazzjoni ta' l-EDF fl-estimi ta' l-UE se tidhol fis-sehh fl-2008. Ir-rabtiet ghall-2006 u l-2007 huma inklużi ghal paraguni. Il-hlasijiet fuq rabtiet qabel l-2008 mhumiex meqjusa fil-figuri tal-hlas.

(d) Din tinkludi n-nefqa amministrattiva ghall-istituzzjonijiet ghajr il-Kummissjoni, il-pensjonijiet u l-iskejjel Ewropej. In-nefqa amministrattiva tal-Kummissjoni hija integrata fl-ewwel erba' intestaturi tan-nefqa.

(e) L-ammonti previsti fil-pożizzjoni komuni miftiehma ta' l-Unjoni Ewropea ghall-Konferenza tas-Shubija mal-Bulgarija (CONF-BG-27/04).

*ANNESS II*

## KOLLABORAZZJONI INTERISTITUZZJONALI FIL-QASAM TA' L-ESTIMI

| | **Kummenti** |
|---|---|
| A. Wara l-aġġustament tekniku tal-qafas finanzjarju għas-sena finanzjarja li ġejja, waqt li titqies l-Istrateġija ta' Politika Annwali ppreżentata mill-Kummissjoni u qabel id-deċiżjoni tagħha fuq l-abbozz preliminari ta' l-estimi, għandha tinżamm laqgħa ta' trijalogu biex ikunu diskussi l-prijoritajiet possibbli għall-estimi għal dik is-sena. Għandha tingħata attenzjoni lis-setgħat ta' l-istituzzjonijiet kif ukoll lill-iżvilupp previst dwar il-ħtiġiet għas-sena finanzjarja li ġejja u għal dawk ta' wara koperti bil-qafas finanzjarju. Għandha tingħata attenzjoni wkoll dwar l-elementi l-ġodda mit-twaqqif tal-qafas finanzjarju tal-bidu lil hawn u li x'aktarx ikollhom impatt finanzjarju sostanzjali u li jdum fuq l-estimi ta' l-Unjoni Ewropea. Jekk l-istituzzjonijiet jikkonkludu bi ftehim reċiproku li hemm ħtieġa għal reviżjoni tal-perspettiva finanzjarja, il-Kummissjoni tista' tibgħat proposta għal dak il-għan.<br>B. Dwar in-nefqa obbligatorja, il-Kummissjoni, fil-preżentazzjoni ta' l-abbozz preliminari ta' l-estimi tagħha, għandha tidentifika:<br>(a) l-approprjazzjonijiet marbuta ma' leġislazzjoni ġdida jew ippjanata;<br>(b) approprjazzjonijiet li jkunu ġejjin mill-applikazzjoni ta' leġislazzjoni li tkun teżisti meta jkunu ġew adottati l-estimi ta' qabel.<br>Il-Kummissjoni se tagħmel valutazzjoni tajba dwar l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' l-obbligi tal-Komunità bbażati fuq ir-regoli. Jekk ikun meħtieġ, din se taġġorna l-estimi tagħha matul il-proċedura ta' l-estimi stess. Din se tipprovdi lill-awtorità ta' l-estimi bir-raġunijiet iġġustifikati kollha li din tista' tkun teħtieġ.<br>Jekk din tkun tqis dan bħala neċessarju, il-Kummissjoni tista' tippreżenta liż-żewġ driegħi ta' l-awtorità ta' l-estimi ittra ta' emenda *ad hoc* biex taġġorna l-figuri li jsawru l-valutazzjoni tan-nefqa agrikola fl-abbozz preliminari ta' l-estimi u/jew biex tikkoreġi, fuq il-bażi tat-tagħrif l-aktar reċenti li jkun disponibbli dwar il-ftehim tas-sajd li jkunu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar tas-sena finanzjarja kurrenti, l-ammonti u taqsim tagħhom bejn l-approprjazzjonijiet mdaħħla fil-punti ta' l-operat għall-ftehim internazzjonali tas-sajd u għal dawk imdaħħla fir-riżerva. | Modifikazzjonijiet u aġġornament:<br>- § A: qed issir referenza għall-komunikazzjoni ta' Istrateġija Politika Annwali (APS) bħala parti mill-ippjanar u l-ipprogrammar strateġiku.<br>- §A: biex jagħti lill-proċedura tar-reviżjoni r-rwol oriġinali tagħha u biex jiddedrammatizza l-użu tagħha, qed ikun propost li jiġu riveduti ħtiġiet ġodda ta' estimi li jista' jkollhom impatt finanzjarju li jdum ħafna. Din ir-reviżjoni tista' sseħħ matul trijalogu ta' estimi u tista' twassal għal proposta biex jiġi rivedut il-qafas finanzjarju.<br>- § B: l-ordni mill-ġdid tal-punti.<br>- § B.5: fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba, it-trijalogu li nżamm qabel l-ewwel qari tal-Parlament Ewropew kultant ma kienx meħtieġ.<br>- § D (ġdid) jibdel il-punti 37 u 38 tal-Ftehim Interistituzzjonali.<br>Il-figuri ġodda għall-iskemi pilota u għall-azzjonijiet ta' tħejjija ġew ikkalkulati fuq il-bażi tal-figuri kurrenti IIA, li ġew aġġustati għall-prezzijiet ta' l-2004 u għal żieda ta' 10 % biex jilqgħu għall-effett tat-tkabbir. Il-figura għat-total ta' l-azzjonijiet tat-tħejjija ġiet ikkalkulata fuq il-bażi ta' 2.5 immultiplikati bil-figura għall- |

| | |
|---|---|
| Din l-ittra ta' emenda għandha tintbagħat lill-awtorità ta' l-estimi qabel l-aħħar ta' Ottubru.<br>Jekk din tiġi ppreżentata lill-Kunsill f'inqas minn xahar qabel l-ewwel qari tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill għandu bħala regola jqis l-ittra ta' emenda *ad hoc* meta l-l-abbozz ta' l-estimi jkun se jgħaddi għat-tieni qari.<br>Bħala konsegwenza, qabel it-tieni qari tal-Kunsill ta' l-estimi, iż-żewġ driegħi ta' l-awtorità ta' l-estimi għandhom jippruvaw ilaqqgħu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-ittra ta' emenda li għandha tiġi adottata f'qari wieħed minn kull waħda mill-istituzzjonijiet ikkonċernati.<br>Ċ. 1. Proċedura konċiljatorja qed tkun stabbilita għall-infiq kollu.<br>2. L-għan tal-proċedura konċiljatorja huwa biex:<br>(a) jitkomplew id-diskussjonijiet fuq ix-xejra ġenerali tan-nefqa u, f'dan il-qafas, fuq il-linji wesgħin ta' l-estimi għas-sena ta' wara, fid-dawl ta' l-abbozz preliminari ta' l-estimi tal-Kummissjoni;<br>(b) jiżgura ftehim bejn iż-żewġ driegħi ta' l-awtorità ta' l-estimi fuq:<br>– l-approprjazzjonijiet imsemmija fil-punt 2(a) u (b), inklużi dawk proposti fl-ittra ta' emenda *ad hoc* imsemmija fil-punt 2,<br>– l-ammonti li għandhom jiddaħħlu fl-estimi għan-nefqa mhux obbligatorja, skond il-punt 39 ta' dan il-Ftehim,<br>– u, l-aktar, materji li għalihom qed issir referenza għal din il-proċedura f'dan il-Ftehim.<br>3. Il-proċedura se tibda b'laqgħa ta' trijalogu li għandha tinżamm f'waqtha biex l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jilħqu ftehim sa mhux aktar tard mid-data magħżula mill-Kunsill biex ikun stabbilit l-abbozz ta' l-estimi tiegħu.<br>Għandu jkun hemm konċiljazzjoni fuq ir-riżultati ta' dan it-trijalogu bejn il-Kunsill u delegazzjoni tal-Parlament Ewropew, bil-Kummissjoni wkoll tieħu sehem.<br>Sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor matul it-trijalogu, il-laqgħa konċiljatorja għandha tinżamm waqt il-laqgħa tradizzjonali bejn l-istess parteċipanti fid-data magħżula mill-Kunsill biex jiġi stabbilit l-abbozz ta' l-estimi.<br>4. Jekk ikun meħtieġ, laqgħa oħra ta' trijalogu tista' tinżamm qabel ma jsir l-ewwel qari tal-Parlament Ewropew fuq proposta miktuba mill-Kummissjoni jew fuq it-talba miktuba jew mill-president tal-Kumitat ta' l-Estimi tal-Parlament Ewropew jew mill-President tal-Kunsill (Estimi). Id-deċiżjoni dwar jekk issirx din il-laqgħa ta' trijalogu għandha tiġi miftiehma bejn l-istituzzjonijiet wara l-adozzjoni ta' l-abbozz ta' l-estimi tal-Kunsill u qabel ma jittieħed il-vot mill-Kumitat | azzjonijiet il-ġodda ta' tħejjija. |

| | |
|---|---|
| ta' l-Estimi tal-Parlament Ewropew dwar l-emendi fuq l-ewwel qari.<br>5. L-istituzzjonijiet se jkomplu l-konċiljazzjoni wara li jkun sar l-ewwel qari ta' l-estimi miż-żewġ driegħi ta' l-awtorità ta' l-estimi biex ikun żgurat il-ftehim fuq l-infiq obbligatorju u dak mhux obbligatorju u, l-aktar, biex tkun diskussa l-ittra ta' emenda *ad hoc* imsemmija fil-punt 2.<br>Għandha tinżamm laqgħa ta' trijlogu għal dan il-għan wara li jkun sar l-ewwel qari tal-Parlament Ewropew.<br>Ir-riżultati tat-trijalogu se jiġu diskussi fit-tieni laqgħa konċiljatorja li għandha tinżamm fil-jum tat-tieni qari tal-Kunsill.<br>Jekk ikun meħtieġ, l-istituzzjonijiet se jkomplu bid-diskussjonijiet tagħhom fuq l-infiq mhux obbligatorju wara li jkun sar it-tieni qari tal-Kunsill.<br>6. F'dawn il-laqgħat ta' trijalogu, id-delegazzjonijiet ta' l-istituzzjonijiet se jitmexxew mill-President tal-Kunsill (Estimi), il-President tal-Kumitat fuq l-Estimi tal-Parlament Ewropew u mill-Membru tal-Kummissjoni li jkollu r-responsabbiltà għall-estimi.<br>7. Kull driegħ ta' l-awtorità ta' l-estimi għandu jieħu dawk il-passi meħtieġa biex jiżgura li r-riżultati li jistgħu jiġu żgurati fil-proċess konċiljatorju jkunu mħarsa matul il-proċedura kurrenti ta' l-estimi.<br>D. Biex il-Kummissjoni tkun tista' tagħmel valutazzjoni f'waqtha dwar l-implimentazzjoni ta' l-emendi previsti mill-awtorità ta' l-estimi, waqt li jinħolqu Azzjonijiet ta' Tħejjija/Proġetti Pilota jew waqt li jiddewmu dawk eżistenti, iż-żewġ driegħi ta' l-awtorità ta' l-estimi għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni sa nofs Ġunju dwar l-intenzjonijiet tagħhom f'dan il-qasam. Dan biex l-ewwel diskussjoni tkun diġà tista' ssir fil-laqgħa konċiljatorja ta' l-ewwel qari tal-Kunsill. Il-passi li jmiss tal-proċedura konċiljatorja u li huma previsti f'dan l-anness għandhom jgħoddu wkoll, kif ukoll id-dispożizzjonijiet fuq l-implimentazzjoni msemmija fil-punt 35 ta' dan il-ftehim.<br>Aktar minn hekk, it-tliet istituzzjonijiet jaqblu li jillimitaw l-ammont totali ta' l-approprjazzjonijiet għall-iskemi pilota għal 38 miljun Euro fi kwalunkwe sena ta' estimi. Huma jaqblu wkoll li jillimitaw fi kwalunkwe sena ta' l-estimi l-ammont totali ta' l-approprjazzjonijiet għall-azzjonijiet il-ġodda ta' tħejjija għal 36 miljun Euro, waqt li jillimitaw għal 90 miljun Euro l-ammont totali ta' approprjazzjonijiet li bħalissa huma marbutin għall-azzjonijiet tat-tħejjija. | |

*ANNESS III*

## KLASSIFIKAZZJONI TAN-NEFQA

| | | |
|---|---|---|
| **INTESTATURA 1*** | **Tkabbir sostenibbli** | |
| **1A** | **Kompetittivtà għat-tkabbir u x-xogħol** | Nefqa mhux obbligatorja (NCE) |
| **1B** | **Koeżjoni għat-tkabbir u x-xogħol** | NCE |
| **INTESTATURA 2*** | **Preservazzjoni u tmexxija tar-riżorsi naturali** | NCE |
| | Hlief: | |
| | *In-nefqa fuq il-politika agrikola komuni dwar il-miżuri tas-suq u l-għajnuniet diretti, inklużi l-miżuri tas-suq għas-sajd u l-arrangamenti tas-sajd* | Nefqa obbligatorja (CE) |
| **INTESTATURA 3*** | **Ċittadinanza, ħelsien, sigurtà u ġustizzja** | NCE |
| **INTESTATURA 4*** | **L-UE bħala msieħeb globali** | NCE |
| | Hlief: | |
| | *Hlief: In-nefqa li tkun ġejja minn ftehim internazzjonali li l-Unjoni Ewropea tkun ikkonkludiet ma' partijiet terzi* | CE |
| | *Kontribuzzjonijiet lil organizzazzjonijiet jew istituzzjonijiet internazzjonali* | CE |
| | *Kontribuzzjonijiet li jfornu l-fond tal-garanzija tas-self* | CE |
| **INTESTATURA 5** | **Amministrazzjoni** | NCE |
| | Hlief: pensjonijiet u għotjiet għal separazzjonijiet | CE |

** In-nefqa amminsitrattiva tal-Kummissjoni li ġejja hija obbligatorja:*

*- spejjeż legali,*

*- ħsarat,*

*- benefiċċji u kontribuzzjonijiet oħra minħabba tmiem ta' servizz.*

*ANNESS IV*

**L-IFFINANZJAR TAN-NEFQA LI TKUN ĠEJJA MILL-FTEHIM TAS-SAJD**

| | |
|---|---|
| A. In-nefqa marbuta mal-ftehim tas-sajd qed tkun iffinanzjata minn żewġ punti li għandhom x'jaqsmu mal-qasam tal-politika tas-'sajd' (b'referenza għall-ħidma bbażata fuq in-nomenklatura ta' l-estimi):<br><br>(a) ftehim internazzjonali tas-sajd (11 03 01);<br>(b) kontribuzzjonijiet lil organizzazzjonijiet internazzjonali (11 03 02).<br><br>L-ammonti kollha relatati ma' ftehim u protokolli li se jkunu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar tas-sena in kwistjoni se jiddaħħlu taħt l-intestatura 11 03 01. L-ammonti marbuta mal-ftehim il-ġodda jew li jiġġeddu kollha li se jidħlu fis-seħħ wara 1 ta' Jannar tas-sena in kwistjoni se jiġu assenjati lill-intestatura 31 02 04 02 – Riżervi/Approprjazzjonijiet difrenzjati (nefqa obbligatorja). | Aġġornament |
| B. Fil-proċedura konċiljatorja pprovduta fl-Anness III, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill se jfittxu li jintlaħaq ftehim fuq l-ammont li għandu jiddaħħal fl-intestaturi ta' l-estimi u fir-riżerva fuq il-bażi tal-proposta magħmula mill-Kummissjoni. | |
| Ċ. Il-Kummissjoni qed tidħol li żżomm lill-Parlament Ewropew mgħarraf regolarment dwar it-tħejjija u l-imġiba tan-negozjati, inklużi l-implikazzjonijiet ta' l-estimi.<br><br>Matul il-proċess leġislattiv marbut mal-ftehim tas-sajd, l-istituzzjonijiet qed jidħlu li jagħmlu kull sforz biex jiżguraw li l-proċeduri kollha jitwettqu malajr kemm jista' jkun.<br><br>Jekk l-approprjazzjonijiet marbuta mal-ftehim tas-sajd (inkluża r-riżerva) ma jkunux suffiċjenti, il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-awtorità ta' l-estimi bit-tagħrif meħtieġ għall-bdil ta' ideat fl-għamla ta' trijalogu, possibbilment imħaffef, fuq il-kawżi tas-sitwazzjoni, u fuq il-miżuri li jistgħu jiġu adottati taħt proċeduri stabbiliti. Fejn ikun meħtieġ, il-Kummissjoni se tipproponi miżuri xierqa.<br><br>Kull tliet xhur il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-awtorità ta' l-estimi b'tagħrif dettaljat dwar l-implimentazzjoni tal-ftehim li jkun hemm fis-seħħ u dwar il-previżjonijiet finanzjarji għall-bqija tas-sena. | |

DIKJARAZZJONIJIET

**Dikjarazzjoni fuq l-aġġustament tal-Fondi Srutturali, l-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għas-Sajd fid-dawl taċ-ċirkustanzi ta' l-implimentazzjoni tagħhom**

L-istituzzjonijiet jistgħu jiddeċiedu, fuq proposta tal-Kummissjoni, li fil-każ ta' l-adozzjoni tar-regoli l-ġodda li jikkontrollaw il-Fondi Strutturali, l-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għas-Sajd wara l-1 ta' Jannar 2007, l-approprjazzjonijiet mhux użati fl-ewwel sena tal-qafas finanzjarju jistgħu jiġu trasferiti għas-snin ta' wara.